**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**13 ta' Marzu, 2022**

# IL-QARI

Min jaħdem fl-edukazzjoni jgħidlek kemm huwa importanti li naqraw kotba tajbin. Il-qari tajjeb hu bħal ikel għall-ħajja interjuri. Mill-ħajjiet tal-qaddisin nafu li l-qari għenhom biex isibu t-triq għall-qdusija.

San Bernard jgħid li "Il-qari spiritwali jħejjina għat-talba u għall-prattika tal-virtù". Għalhekk huwa importanti li nħallu xi ħin matul il-jum biex insiru nafu l-fidi tagħna iktar fil-fond. Anke San Pawl lill-Isqof Timotju, qallu: "Ħu ħsieb il-qari tal-Kotba Mqaddsa" (1 Tim 4:13).



Il-qari spiritwali għandna neħduh bil-mod u bl-attenzjoni. Il-qari bil-mod u bir-riflessjoni jixbah lil dik ix-xita li traxxax għal ħin twil; din tinżel ġol-art u tasal sal-għeruq. Ix-xita mgħaġġla u qawwija żżejjed tibqa' għaddejja.

Il-ħajjiet tal-qaddisin jgħinuna ħafna għax il-qari fuqhom iwassalna għax-xewqa li nimitawhom.

***L-Arċipriet***

**Il-Qerda tal-Gwerra:** Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) f'Malta tqaċċtu eluf ta' siġar tal-ħarrub, biex isajru bl-injam tagħhom. Bil-gwerra lanqas ħarruba ma teħlisha.

**ENGLISH CORNER**

The Lord God took Abram outside and said,
"Look up at the sky and count the stars, if you can.
Just so", he added, "shall your descendants be."

**AVVIŻI:**

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET:** javżaw li minn nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu sal-Ġimgħa 18 ta' Marzu mhux se jsiru lezzjonijiet tad-duttrina lit-tfal u lill-istudenti għaliex il-membri ser ikollhom l-eżerċizzi tar-Randan.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu fil-kappella tas-sorijiet Franġiskani għal-laqgħa. Fl-4:15pm jibda r-Rużarju u fl-4:30pm Quddiesa minn Fr Joe Xerri.

**STEDINA LILL-MEMBRI KOLLHA TAL-GRUPPI U GĦAQDIET TAL-PARROĊĊA TAN-NADUR:** se ssir evalwazzjoni tal-Eżami tal-Kuxjenza li sar fil-gruppi tal-parroċċa bħala parti mill-Pjan Pastorali Djoċesan, nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu fis-7:00pm fil-knisja Bażilika. Imexxi Mons. Arċ. Jimmy Xerri.

**L-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ TAĊ-ĊENTRU** jixtiequ jirringrazzaw lil kull min ta sehmu fil-fundraising tal-qassatat b'mod speċjali lill-grupp ta' voluntiera u lil Grech's Bakery, li mingħajrhom dan il-fundraising ma kienx ikun possibbli. Grazzi mill-qalb tal-ġenerożità tagħkom!

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu. Fiha Anton Mercieca, eks Superjur tal-MUSEUM tan-Nadur, ser jaqsam magħna l-konoxxenza tiegħu ma' Dun Mikiel Attard. Din il-laqgħa se tkun fil-knisja Bażilika u tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *mnarjalive.*

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am